MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-18 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 226/2005

**Christopher Agius**

**vs**

**Natalino Azzopardi**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta' Jannar, 2005 fejn intalab il-hlas ta' mija u wiehed u tletin lira Maltija (Lm131.00) bilanc minn somma akbar rapprezentanti l-valur ta' xogholijiet li l-konvenut kellu jesegwixxi fil-fond 9 Triq Sidtna Tad-Dawl, Haz-Zebbug, liema xoghol gie ezegwit in parte biss u l-attur kien diga hallas l-prezz kollu kkwotat mill-konvenut, liema valur gie kkonstatat mill-Perit Arkitett Charles Buhagiar kif jirrizulta ahjar mill-anness certifikazzjoni mmarkata Dok.CB1.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fit-8 ta' Frar, 2005, ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher, u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' mija u wiehed u tletin lira Maltija (Lm131.00) bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------